Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tad-9 ta' Frar, 2006

Numru 124/2006

**IL-PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH MERCIECA**

**VS**

**CARMEL HARTLEY**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Carmel Hartley, ta’ 34 sena, bin Carmel u Mary nee’ Cuschieri, imwieled tal-Pieta’ nhar l-10 ta’ Lulju, 1971, u li joqghod fil-fond numru 4, Marilyn, Triq Gan Nikola Buhagiar, San Gwann, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 346071 (M);

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin minnu stess, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-

istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda:

1. Talli bejn il-31 ta' Dicembru, 2005 u t-2 ta' Jannar 2006, minn gewwa Joem Service Station fi Triq Birkirkara, San Giljan, kemm minn gewwa l-istess fond kif ukoll mis-safe tal-pompi awtomatici nstallati fl-istess pompa, flimkien ma' certu Matthew Portelli, ikkommetta serq ta' flus u cavetta tal-istess safe liema serq hu aggravat bil-mezz, *ai termini* tal-Artikolu 263(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00), u bil-hin, *ai termini* tal-Artikolu 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; aktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli, liema hsara ma tiskorrix il-hames mitt lira maltin (Lm500.00) izda izjed minn hamsin lira maltin *ai termini* tal-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli bejn il-lejl tal-15 ta' Jannar, 2006 u s-16 ta' Jannar, 2006, minn gewwa Joem Service Station, fi Triq Birkirkara, San Giljan, kemm minn gewwa l-istess fond kif ukoll mis-safe tal-pompi awtomatici nstallati fl-istess pompa, flimkien ma' Matthew Portelli, ikkommetta serq ohra ta' flus, liema serq hu aggravat bil-mezz, *ai termini* tal-Artikolu 263(a) tal-Kap 9, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00) u bil-hin, *ai termini* tal-Artikolu 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; iktar talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara ma tiskorrix il-hamsin lira maltin (Lm50.00) izda izjed minn ghaxar liri maltin (Lm10.00) *ai termini* tal-Artikolu 325(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fil-lejl ta' bejn id-19 u l-20 ta' Jannar, 2006, minn *safe* tal-pompi awtomatici gewwa Skan Service Station, fi Triq il-Kanun, Santa Venera, flimkien ma' Matthew Porteli, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu aggravat bil-mezz, *ai termini* tal-Artikolu 263(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta; bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin u bil-hin *ai termini* tal-Artikolu 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;.

4. U aktat talli fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Jannar, 2006, minn safe tal-pompi awtomatici gewwa Paul & Rocco Station, fi Triq is-Salib tal-Marsa, il-Marsa, flimkien ma' Matthew Portelli, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu aggravat bil-mezz *ai termini* tal-Artikolu 263(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00) u bil-hin *ai termini* tal-Artikolu 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. U aktar talli bejn it-23 u l-24 ta' Jannar, 2006, minn safe tal-pompi awtomatici gewwa N Abela Petrol Station, fi Vjal il-Labour, Naxxar, flimkien ma' Matthew Portelli, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu aggravat bil-mezz, *ai termini* tal-Artikolu 263(a) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta, u bil-valur li ma jeccedix l-elf lira maltin (Lm1,000.00) u bil-hin *ai termini* tal-Artikolu 270 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-23 u l-24 ta' Jannar, 2006, minn safe tal-pompi awtomatici gewwa Didi Auto Service Station, fi Triq il-Wied, Birkirkara, flimkien ma' Matthew Portelli, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq hu aggravat bil-mezz, *ai termini* tal-Artikolu 263(a) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta, bil-valur li jeccedi l-elf lira maltin (Lm1,000.00) u bil-hin, *ai termini* tal-Artikolu 270 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

7. U aktar talli matul ix-xahar ta' Jannar, 2006, f'dawn il-Gzejjer, laqa' ghandu hwejjeg misruqa *ai termini* tal-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Wara li rat l-Artikoli 261, 263(a) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta;
L-Artikolu 270 tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta;
L-Artikoli 325(1)(b) u (c) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta;
U kif ukoll l-Artikolu 334 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien xieraq skond il-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi Carmel Hartley hati tal-akkuzi kif dedotti kontrieh u ghaldaqstant tikkundannah ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sentejn (2) sospizi ghal erba’ (4) snin, *ai termini* tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

*Inoltre* tornda lill-istess imputat ihallas is-somma ta’ Lm2,200.00 (elfejn u mitejn lira maltin) bhala kumpens lis-sidien tal-pompi tal-petrol, kif indikati mill-Prosekuzzjoni, fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, *ai termini* tal-Artikolu 28 H tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------